# Il-Logħob Tradizzjonali Malti

**WebQuest Description**: Din il-WebQuest sa tikkonsisti f'informazzjoni dwar il-Logħob Tradizzjonali Malti, bħan-Noli, il-Passju u oħrajn. Sa tinkludi wkoll diversi attivitajiet għall-istudenti u kif ukoll għadd ta' riżorsi awdjo-viżwali b'mod li din il-WebQuest tkun aktar interattiva.
**Grade Level**: 9-12
**Curriculum**: English / Language Arts
**Keywords**: Logħob Tradizzjonali, il-Passju, in-Noli, iż-Żunżana ddur iddur, il-kultura, l-istudenti, logħob modern
**Published On**: 2010-12-15 03:16:47
**Last Modified**: 2010-12-11 09:10:22
**WebQuest URL**: http://zunal.com/webquest.php?w=81929

## Introduction

Nagħtuk Merħba f'din il-WebQuest!Kemm inti konxju ta' x'tip ta' logħob tipiku Malti jeżisti? Trid tkun taf aktar dwar dan is-suġġett? Inħeġġuk tuża dan is-sit elettroniku biex tikseb informazzjoni dwar logħob Malti li m'għadux daqstant popolari mat-tfal Maltin u Għawdxin. Hawnhekk inti sa ssib numru ta' riżorsi bħal vidjows u stampi li sa jgħinuk fl-attivitajiet li int sa tagħmel flimkien ma' sħabek tal-klassi.Nittamaw li dan is-sit ikun ta' għajnuna għalik. Ħu gost waqt li qed titgħallem permezz tat-teknoloġija!  

## Tasks

Attivita' 1:Għal din l-ewwel attivita' tridu taħdmu fi grupp. Ix-xogħol li tridu tagħmlu hu li tipproduċu ċart dwar logħba tradizzjonali Maltija.  Tistgħu toħolqu collage, b'ritratti diversi u bihom toħolqu stampa oriġinali tal-logħba li tkunu sa taħdmu fuqha. Importanti li kulħadd jagħti sehmu. Meta dawn ikunu lesti sa jitwaħħlu fil-klassi, biex kulħadd ikun jista' jitgħallem minn dak li għamlu sħabu tal-klassi.
Attivita' 2:Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor skont l-opinjonijiet tiegħek:1) X'tip ta' logħob tradizzjonali Malti tista' ssemmi?2) X'tip ta' logħob kont tieħu gost tilgħab meta kont żgħir?3) Qatt lgħabt xi logħba antika, ngħidu aħna bħall-Passju, Noli jew Bumm Bumm il-Bieb?4) Jinteressak dan it-tip ta' logħob Malti?5) Tippreferi tilgħab waħdek jew fi grupp?6) Issa li kbirt, xi tħobb tilgħab l-aktar?7) Qatt lgħabt xi logħba fuq il-kompjuter? Jekk iva, x'kienet din il-logħba?8) Taħseb li l-logħob tradizzjonali Malti għadu popolari llum mat-tfal Maltin? Għaliex taħseb hekk?
 Attivita' 3:Diskussjoni fil-KlassiIssa li sirtu tafu iktar dwar dan il-logħob tradizzjonali Malti, nistgħu noħolqu diskussjoni fil-klassi. Tistgħu ssibu l-informazzjoni li se niddiskutu fil-klassi fil-file attachment fin-naħa t'isfel tal-paġna.
 
 

## Process

L-għan ewlieni ta' din il-WebQuest huwa sabiex intom tkunu tistgħu tieħdu idea aktar ċara ta' x'tip ta' logħob tradizzjonali Malti jeżisti, kif ukoll issiru konxji tal-influwenzi soċjali li ħalla dan il-logħob fuq il-kultura Maltija. B'dan il-mod intom ukoll għandkom aċċess għal informazzjoni dwar xi wħud mil-logħbiet tradizzjonali Maltin l-aktar popolari mat-tfal, kif ukoll sa ssibu numru sostanzjali ta' riżorsi li sa jgħinukom tifhmu aktar dan is-suġġett.Ir-riżorsi li sa ssibu f'din il-WebQuest jinkludu vidjows dwar il-logħob li sa nittrattaw flimkien fil-klassi, stampi ta' xi wħud mil-logħbiet tradizzjonali Maltin, u xi noti mehmużin. Dan kollu jista' jkun ta' għajnuna għalik u għal sħabek sabiex tkabbru l-għarfien tagħkom tas-suġġett, għax wara kollox dak kollu li jsawwar il-kultura Maltija, huwa wkoll dak li jagħmilna Maltin.

## Evaluation

Għeżież Studenti,Hawnhekk sa ssibu l-metodu li bih sa nevalwaw ix-xogħol tagħkom. Dan qed nagħmluh biex intom tifhmu aktar kif sa tkun evalwata kull parti li intom mistennija twieġbu. It-total sa jkun ta' 40 marka u hawn taħt tistgħu taraw kemm sa jkollha marki kull parti. Kif tistgħu tinnutaw, m'aħniex sa niffokaw biss fuq dak li tipproduċu, imma wkoll fuq kemm tieħdu sehem u tinteressaw ruħkom.Il-marki sa jkunu mqassma fuq dak li tagħmlu b'mod individwali u anki meta taħdmu fi grupp. Dan ifisser li dak li sa toħolqu bħala grupp sa tingħataw l-istess marka.Nittamaw li din l-informazzjoni tkun utli għalikom sabiex tifhmu kif sa nevalwawkom.
-Parteċipazzjoni fil-klassi; waqt id-diskussjoni (10 marki)-Xogħol fi gruppi; għaċ-ċart (10 marki)-Xogħol individwali; il-mistoqsijiet tat-tieni attivita' (10 marki)-Interess u inizjattiva (5 marki)-Livell tal-Lingwa (5

marki)Nawgurawlkom ħafna suċċess!
 

| Category and Score | Mhux Sodisfaċenti | Sodisfaċenti | Tajjeb Ħafna | Eċċellenti | Score |
|---|---|---|---|---|---|
| Parteċipazzjoni | | | | | |
| Xogħol fi gruppi | | | | | |
| Interess | | | | | |
| Livell tal-Lingwa | | | | | |
| | | | | Total Score | |

# Conclusion

Għeżież Studenti,Grazzi għal din il-WebQuest aħna ċerti li intom ilkoll sa tiksbu informazzjoni siewja dwar il-logħob tradizzjonali tagħna l-Maltin. Barra minn hekk kollha kemm intom sa ssiru midħla ta' dan il-logħob li ħafna minnu tista' tgħid qed jinqata' bil-mod il-mod iktar ma jgħaddi ż-żmien. Aħna ninsabu ċerti li din   l-informazzjoni sa tkun utli u ta' interess għal kull wieħed minnkom.Grazzi tal-interess tagħkom!Insellu għalikom!
 
 

# Teacher Page

Għeżież kollegi,L-għan tagħna ta' din il-WebQuest huwa biex ngħinu lill-istudenti tagħna fil-proġett tagħhom li għandhom jagħmlu dwar il-kultura Maltija u kif ukoll sabiex irawmu fihom infushom kuxjentizzazzjoni dwar dan il-logħob Malti li qed jintesa maz-zmien. Kif nafu lkoll, l-idea li l-istudenti jridu jaħdmu l-proġett tagħhom bilfors fuq 'scrapbook' qiegħda bil-mod il-mod tinqata'. Illum il-maġġoranza tal-istudenti f'Malta huma familjari mat-teknoloġija u għalhekk ħsibna biex nintroduċu dan is-suġġett kulturali permezz ta' din il-WebQuest. B'dan il-mod l-istudenti sa jkollhom aċċess għal rizorsi varji li jistgħu jgħinuhom jibnu tajjeb il-proġett tagħhom. Peress li t-teknoloġija llum għandha parti ċentrali f'ħajjet l-istudenti Maltin, aħna ninsabu ċerti li l-istudenti sa jieħdu gost jitgħallmu b'dan il-mod awtonomu u ta' pjaċir.

**Standards**

**Credits**

**Other**